MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 82/2006

MaryAnne Portelli

VS

Direttur Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu r-rikorrenti MaryAnne Portelli wara li ppremettiet illi:

1. Illi hija diġa għamlet diversi proċeduri u dana sabiex iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Pietro Said ikun korrett u jiġi jaqra li huwa twieled nhar id-19 ta' Jannar, 1923 u li missiedru kien jismu Angelo Said u ommu Carmela Said u dana skond kif jidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid hekk kif korrett u hawn anness u markat bħala Dok A;

2. Illi minkejja illi l-informazzjoni relattiva għaċ-ċertifikat tat-twelid ġiet korretta, l-istess informazzjoni ma ġietx riportata fuq iċ-ċertifikat tal-mewt.

Tablet lil din il-Qorti sabiex : -

1. Tordna korrezzjoni fl-att tal-mewt ta’ l-istess Pietro Said, karta ta’ l-Identita’ numru 5723G, billi l-informazzjoni kollha riportata fiċ-ċertifikat tat-twelid immarkat bħala document MV 2 jiġu wkoll riportati fiċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu.

Rat l-atti l-oħra kollha ta’ din il-kawża.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrenti stess kif ukoll tax-xhieda minnha prodotti.

Il-Qorti wara li eżaminat id-dokumenti kollha esebiti u din x-xhieda, peress illi jidhrilha illi t-talba hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ l-istess talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tal-mewt ta’ l-imsemmi Pietro Said, karta ta’ l-Identita’ numru 5723G, billi l-informazzjoni kollha riportata fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, u ċioe’ ċ-ċertifikat esebit fl-atti ta’ din il-kawża bħala document MV 2, a fol erbgħa u erbgħin (44) f’dan il-proċess, jiġu riportati fiċ-ċertifikat tal-mewt ta’ l-istess Pietro Said.

Minħabba n-natura ta’ din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------